MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru 265/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**MARIA FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Maria Farrugia ta’ 55 sena, bint Pawlu Cilia u Grazia nee’ Abela, mwielda Zejtun nhar il- 31 ta’ Dicembru 1956, residenti 5, Triq il- Gardenja, Santa Lucija u detentrici tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 69157M ;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fis- 27 ta’ April 2012;

1) ipproduciet, bieghhet jew xort’ ohra ttraffikat ir-raza mehuda b’ qerq mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r- raza;

Aktar talli f' dawn il- Gzejjer fis- 27 ta' April 2012 u fil-gimghatejn ta' qabel;

2) kellha fil- pussess taghha r- raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza; liema droga nstabet f' tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu esklussiv taghha;

3) fl- ahhar nett talli fis- 27 ta' April 2012 bhala persuna li mhux impjegata fil- habs Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l- awtorita' legittima, dahlet jew ipprovat iddahhal f' xi part ital- konfini ta' Habs xi oggett, ikun li jkun, li huma projbiti skont xi regolamenti maghmula skont dan l- Att jew garret jew ipprovat iggorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs;

4) aktar talli b' hekk ikkommettiet reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill- Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D nhar is- 6 ta' Gunju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) fl- ahhar talli saret recidiva b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, ai termini tal-Kap 101, fejn din il-kawza setghet titmexxa sommarjament minn din l-istess Qorti;

Rat ukoll il-kunsens moghti mill-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 370(4)(b) tal-Kap 9, sabiex il-kawza titmexxa sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Id-difiza, flimkien mal-ammissjoni, talbet lill-qorti sabiex jinhatar Ufficjal tal-Probation u jithejja *Pre-Sentencing Report* skond il-ligi, biex il-Qorti jkollha l-informazzjoni kollha necessarja qabel ma tghaddi ghas-sentenza. Fl-ahhar seduta, dan ir-rapport gie esebit u l-Qorti hadet konjizzjoni tieghu.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti ma tarax li hemm wisq toroq li jistghu jigu esplorati. L-imputazzjonijiet taht il-Kap 101 igibu maghhom piena ta’ bejn sitt xhur u ghaxar snin prigunerija, liema piena trid tkun wahda effettiva. Imbaghad hemm ukoll is-sentenza ta’ prigunerija sospiza datata 6 ta’ Gunju 2008, li l-effetti taghha kienu ser jiskadu fi ftit tal-jiem ohra, izda l-imputata xorta wettqet reat waqt il-perijodu operattiv taghha. Barra minn hekk, hemm ukoll ir-reat innifsu u l-gravita’ tal-istess reat f’ghajnejn is-socjeta’. Din il-Qorti trid bil-fors izzomm quddiem ghajnejha l-bilanc bejn l-ammissjoni ta’ htija u l-istmerrija u l-effetti hziena li t-twettiq tar-reat gab mieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 8(b) tal- Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi 8(a) tal- Kap 101 u l- Artikolu 7(1)(2) tal- Kap 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 28B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija.

Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenza sospiza datata 6 ta' Gunju 2008, fejn l-istess imputata kienet giet ikkundannata terminu ta' sentejn prigunerija;
Ghalhekk b'kollox l-imputata qed tigi kkundannata ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' hames snin.
Tikkundannaha inoltre multa ta' erba' mija w sitta w sittin ewro (€466.)

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------